**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Paul Vassallo)**
**- vs -**
**Josef Karl Bajada**
**Sammy Grech**
**Walter John Cassar**

Illum 9 ta' Marzu 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Josef Karl Bajada ta' 20 sena, bin Emanuel u Pauline nee Attard, imwieled Victoria, Ghawdex fil-31 ta' Jannar 1979 u residenti fil-fond "Villa Bronja", Triq it-Torri, Xlendi, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 5779(G);
u
Sammy Grech ta' 25 sena, bin Peter u Rose nee Grima imwieled Victoria, Ghawdex fl-4 ta' Frar 1974 u residenti fil-fond "Peter Rose", Triq San Blas, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 6274(G);
u
Walter John Cassar ta' 20 sena, bin Eucharist u Helen nee Xuereb, imwieled Victoria, Ghawdex fil-25 ta' Ottubru 1978 u li joqghod fil-fond "Dar Peppin", Triq Marsalforn, Xaghra, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 25278(G);

akkuzati talli fit-3 ta' Gunju 1997 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, kellhom fil-pussess taghhom r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;
u
Josef Karl Bajada akkuzat wahdu talli fil-31 ta' Dicembru 1998, u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-gzejjer, kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta Cannabis, bi ksur ta' l-artikolu (8)a tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali ta' l-14 ta Frar 2000 sabiex l-imputati jitressqu quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex iwiegbu ghall-akkuzi kontra taghhom ghall-ksur tal-provvedimenti tas-subartikolu (2) ta' l-Artikolu 22 ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi tal-Kap. 101;

Rat illi l-akkuzati ma rregistraw l-ebda oggezzjoni sabiex il-kaz taghhom jkun trattat u deciz bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta’ l-imputati kif registrata fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2000;

Fuq ammissjoni ssibhom hatja;

Wara li rat l-Artikolu 8(a) u l-Artikolu tas-sezzjoni VI tal-Kap 101;

Wara li semghet lill-*probation officer* u rat il-*pre-sentencing* report taghha;

Tqis illi l-imputati jidhru li huma kandidati idoniji ghall-applikazzjoni tal-provvediment tal-Kap 152 u peress li huma wkoll propensi illi jirrikorru ghall-mezzi bhal dawn, taghtihom kull opportunita biex jirriformaw rwiehhom u b’hekk tilliberahom taht il-provvediment ta’ l-artiklu 5 tal-Kap 152, b’dan illi tqieghdhom taht il-harsien tal-Probation Officer Miriam Falzon Sevasta u dan ghal-perjodu ta’ sentejn mil-lum u liema terminu l-ufficjal tal-Probation ghandha thejji rapport bil-miktub dwar l-andament ta’ l-imputati.

Tordna l-konfiska u d-distruzzjoni tas-sustanza taht is-supervizjoni ta’ l-Ispizjar Mario Mifsud.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
D/Registratur

Vera Kopja

Ghar-Registratur